**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 20**

**It-Tnejn, 9 ta' Settembru 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.48 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Katya De Giovanni (sostitut), l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Andy Ellul, u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 19 li saret fid-29 ta' Awwissu 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT RANDOLPH DE BATTISTA GĦALL-KARIGA TA' RAPPREŻENTANT PERMANENTI TA' MALTA GĦAN-NAZZJONIJIET MAGĦQUDA F'ĠINEVRA, L-IŻVIZZERA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borġ, datata 9 ta' Awwissu 2024, dwar in-nomina ta' Dott. Randolph De Battista għall-ħatra ta' Rappreżentant Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda f'Ġinevra, l-Iżvizzera.

Il-Kumitat stieden lil Dott. De Battista sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dott. Randolph De Battista daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. De Battista li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. De Battista ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala avukat, iżda ħadem għal snin twal barra minn Malta fil-qasam diplomatiku. Ħadem ġewwa Brussell f'Dar Malta u għen fit-tħejjijiet tal-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Ewropa f'Malta, kien fil-kabinett ta' Michel Barnier fiż-żmien ta' meta l-Ingilterra kienet qed taħdem sabiex toħroġ mill-Unjoni Ewropea, u f'dawn l-aħħar snin bħala Membru Parlamentari ta' pajjizna fejn issoktat il-ħidma parlamentari fil-fora internazzjonali u l-multilateraliżmu.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fl-5.18 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Randolph De Battista u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.20 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott. Randolph De Battista għall-ħatra ta' Rappreżentant Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda f'Ġinevra, l-Iżvizzera, intalbet votazzjoni.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| **VOTAZZJONI NRU 6** | **ĦIN: 5.21 p.m.** |
|---|---|
| **Favur: 4** | **Kontra: 2** |
| L-Onor. | L-Onor. |
| Chris Agius | Adrian Delia |
| Clayton Bartolo | Julie Zahra |
| Andy Ellul | |
| Katya De Giovanni | |

Il-ħatra proposta għaddiet.

Fl-5.22 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott. Randolph De Battista jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott. De Battista daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Rappreżentant Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda f'Ġinevra, l-Iżvizzera kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ.

L-Onor. Adrian Delia xtaq jagħmel aċċenn fuq il-fatt li l-Oppożizzjoni ddeċidiet li tivvota kontra din il-ħatra minħabba li tħoss li hija tneħħija ta' xi ħadd minħabba manuvri politċi li qegħdin isiru mill-Gvern tal-ġurnata.

Dott. De Battista rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-5.24 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**